**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 134/17 AGV**

AB li gie sostitwit bil-kunjom C permezz ta' digriet datat 18 ta' Jannar, 2018
Vs
DC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Gunju, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Lulju, 2002 (Dok.A).
2. Illi l-partijiet sseparaw "de facto" aktar minn erba'snin ilu u ma tezisti ebda tama ta' rikonciljazzjoni.
3. Illi l-partijiet ma resqux ghall-pubblikazzjoni ta' att ta' separazzjoni konsenswali u hadd minnhom ma istitwixxa proceduri gudizzjarji intizi ghall-ghoti ta' separazzjoni kontenzjuza.
4. Illi wara li l-esponenti pprezentat ittra fil-21 ta' Marzu, 2017 fejn talbet il-ftuh ta' medjazzjoni li effettivament infethet, l-intimat naqas li jidher ghas-seduti mizmuma

mill-medjatur u ghalhekk il-medjazzjoni giet maghluqa u l-esponenti giet awtorizzata li tipprocedi b'kawza u dan b'digriet opportun moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' April, 2017 (Dok. B).

5. Illi ma twieldux ulied miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti.
6. Illi ma tezisti ebda vertenza dwar il-hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.
7. Illi ma tezisti ebda vertenza ghall-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u di fatti r-rikorrenti m'ghandha ebda pretenzjoni relattivament ghal tali assi u di fatti hija

Ghalhekk talbet lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobuha:-

1.Tordna s-separazzjoni personali u kif ukoll il-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u dikjarazzjoni li ma hemm ebda assi jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

3.Tordna lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha.

Bl-ispejjes kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-intimat li eccepixxa illi:-

1. Illi, preliminarjament qiedgha tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat ai termini tal-Artikolu 789 (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-att huwa nieqes minn partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi. Jirrizulta illi ma giex imhares id-dispost tal-Artikolu 36 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress li ma ngabitx raguni ghall-firda personali. L-imsemmi artikolu 36 ighid testwalment hekk : il-firda personali ma tistax issir hlief b'talba ta' wahda mill-persuni mizzewwga flimkien kontra l-ohra u ghal xi wahda mir-ragunijiet migjubin fl-artikoli li gejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti mhuwiex hati ghall-firda personali.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jaqbel li tigi xolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti.

4. Illi l-konvenut ma joggezzjonax li martu tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' B.

5. Illi l-esponenti ma ghandux oggezzjoni ghar-raba' talba attrici.

Ra x-xhieda tar-rikorrenti, li spjegat li hi u l-intimat kienu zzewwgu fl-4 ta' Lulju, 2002 u kienu ilhom separati *de facto* ghal xi sitt snin, ghax kienet telqet mid-dar f'dak iz-zmien, ghax ma setghux jaqblu bhala koppja. Tghid ukoll li wara li zzewwgu saret taf ukoll li l-intimat, li kien Egizzjan, kellu familja ohra fl-Egittu, jigifieri kellu mara ohra l-Egittu.

Ir-rikorrenti tghid li kien tah din l-informazzjoni, il-habib tal-intimat u wara li affrontat lil zewgha u ammetta maghha li kellu mara ohra l-Egittu, kienet qabdet hwejjigha u telqet mid-dar matrimonjali. Tistqarr li qatt ma kien ghaddielha suspett fuq dan.

Ir-rikorrenti tikkonferma li ma kienx hemm assi bejniethom, izda jekk kien hemm ma kinitx qed tippretendi xejn minnu. Ma kellhomx dar matrimonjali taghhom ghax kienu jikru u qatt ma kellhom kontijiet fil-bank. Ir-rikorrent tikkonferma ukoll li ma kienx hemm cans ta' rikonciljazzjoni, ghax illum kienet tinstab f'relazzjoni ma' ragel iehor u li minnu kellha zewgt itfal minuri u kienet qed tistenna tarbija ohra.

Semghet it-trattazzjoni fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dina l-kawza miftuha mir-rikorrenti mhi koerenti xejn. Mhuwiex immedjatament car x'precisament qed titlob fl-ewwel talba taghha, ghaliex titkellem fuq separazzjoni u hall taz-zwieg u cioe' divorzju fl-istess talba.

Is-separazzjoni, mhix divorzju, ghax fejn tal-ewwel tirregola l-firda tal-kontendenti u jibqa' dejjem jezisti l-obbligu tal-fedelta', it-tieni xxolji z-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk l-obbligu tal-fedelta' jieqaf. Madanakollu, jibqa' in komun l-likwidazzjoni tal-assi.

Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2017, il-Qorti rrilevat illi gialadarba l-partijiet ma rrnexxielhomx jaslu ghal separazzjoni bonarja u lanqas ma hemm sentenza ta' separazzjoni jehtieg li jkun hemm pronunzjament ta' divorzju.

Il-Qorti kienet cara u koerenti fid-digriet taghha u tacitament nehhiet il-konfuzjoni mahluqa mir-rikorrenti stess billi kkonvertit il-proceduri ta' separazzjoni f'dawk ta' divorzju, ghax ir-rikorrenti kienet totalment zbaljat li titlob kemm is-separazzjoni, kif ukoll id-divorzju, li huma zewg principji legali indipendenti minn xulxin. Wiehed jippretendi li jkun konsapevoli ta' dan u mhux jippretendi lil dina Qorti taghmel il-kjarifiki hi biex tkun tista' titkompla l-kawza. Kien kompitu taghha li tipprezenta kawza suret in-nies u b'fondatezza legali cara.

Ghalhekk wiehed ma jistax ilum lill-intimat li jqajjem l-eccezzjoni dwar in-nullita' tar-rikors ai termini tal-Artikolu 789 (d) tal-Kap.12 tal-Ligiijiet ta' Malta. Madanakollu, tenut kont tal-fatt li t-talba ghalhekk issa giet limitata ghall-hall taz-zwieg u ghall-konsegwenti likwidazzjoni tal-assi, l-eccezzjoni tal-intimat dwar in-nullita' tar-rikors guramentata ai termini tal-Artikolu 789 (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi l-att huwa nieqes minn partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi taht id-dispost tal-Artikolu 36 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress li ma ngabitx raguni ghall-firda personali, issa ssir ghal kollox superfluwa u ma treggix aktar.

Essenzjalment, gialadarba l-kawza giet ikkonvertita f'divorzju, ir-rikorrenti ma tistax titlob id-divorzju fuq l-istess ragunijiet li jistghu jwasslu ghal separazzjoni personali. Id-divorzju jirrikjedi primarjament li l-kontendenti kienu ilhom *de facto* sseparati tal-anqas ghall-erba' snin, li ma tezisti ebda cans ta' rikonciljazzjoni u li ma jezistux problemi rigward tal-hlasijiet ta' manteniment. Is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti li kieku l-kawza kienet baqqghet wahda ta' separazzjoni. Ghalhekk minn hawn ir-rikorrenti ghandha tipproduci provi fil-mertu biex tikkonferma l-elementi mehtiega ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg u mhux pretiz minnha fl-ebda stadju tal-kawza li tindika r-raguni/jiet ghas-separazzjoni, peress li l-kawza issa giet ikkonvertita f'wahda ta' divorzju.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**